Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,711, 1 ta' Ottubru, 2021
Taqsima B

A.L. 378 tal-2021

ATT BIEX JIRREGOLA KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI (KAP. 399)

Regolamenti tal-2021 dwar il-Komunikazzjonijiet ta' Emerġenza, is-Servizz Uniku Ewropew ta' Sejħiet ta' Emerġenza (Numru "112") u s-Servizzi Armonizzati Ewropej b'Valur Soċjali (Medda ta' Numri "116")

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 47 tal-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, il-Ministru għall-Ekonomija u l-Industrija, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

TAQSIMA I
PRELIMINARI

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2021 dwar il-Komunikazzjonijiet ta' Emerġenza, is-Servizz Uniku Ewropew ta' Sejħiet ta' Emerġenza (Numru "112") u s-Servizzi Armonizzati Ewropej b'Valur Soċjali (Medda ta' Numri "116").

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu l-artikoli 96, 109 and 110 tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-24 ta' Settembru, 2021.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, u jinkludi kwalunkwe regolamenti magħmulin taħtu; Kap. 399.

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni mwaqqfa taħt l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni; Kap. 418.

"fornitur" tfisser, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet inter-personali bbażati fuq in-numri, li jkunu disponibbli pubblikament;

"korp pubbliku kompetenti" tfisser kull korp pubbliku jew korpi pubbliċi bħal dawk li l-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għal dak il-korp pubbliku u mal-Awtorità, jinnomina fl-Iskeda kif mogħti lilu bis-setgħat taħt l-artikolu 47 tal-Att, biex ikun responsabbli jew jeżerċita xi jew kull funzjoni msemmija f'dawn ir-regolamenti:

Iżda li, il-Ministru jista' jinnomina korpi pubbliċi differenti biex dawn ikunu responsabbli u, jew jeżerċitaw il-funzjonijiet differenti msemmija f'dawn ir-regolamenti;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-komunikazzjonijiet;

"servizz armonizzat b'valur soċjali" tfisser servizz, konformi mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea 2007/116/KE tal-15 ta' Frar 2007, li jilħaq deskrizzjoni komuni li għandu jkun aċċessat minn individwi billi dawn jużaw numru freephone, b'valur potenzjali għal viżitaturi minn pajjiżi oħra u korrispondenti ma' xi ħtieġa speċifika soċjali, li tkun partikolarment tikkontribwixxi għall-benesseri jew għas-sigurtà ta' ċittadini, jew ta' gruppi speċifiċi ta' ċittadini, jew li tkun tgħin lil ċittadini li jkunu jinsabu f'diffikultà;

"servizz ta' komunikazzjonijiet inter-personali bbażati fuq in-numri" tfisser servizz ta' komunikazzjonijiet inter-personali li jaqbad ma' riżorsi ta' numerazzjoni assenjati pubblikament, jiġifieri numru jew numri fil-pjanijiet ta' numerazzjoni nazzjonali jew internazzjonali, jew li bih tkun tista' ssir komunikazzjoni ma' numru jew numri fi pjanijiet ta' numerazzjoni nazzjonali jew internazzjonali:

Iżda li, l-użu sempliċi ta' numru bħala identifikatur m'għandux jitqies bħala ekwivalenti għall-użu ta' numru ta' konnessjoni ma' numri assenjati pubblikament u għalhekk m'għandux, fih innifsu, jitqies li jkun suffiċjenti biex jikkwalifika bħala servizz ta' komunikazzjonijiet inter-personali bbażati fuq in-numri.

(2) Kemm-il darba ma jingħadx xort'oħra f'dawn ir-regolamenti, it-tifsiriet li hemm fl-Att għandhom ikunu japplikaw f'dawn ir-regolamenti.

Taqsima II
Is-Servizz Uniku Ewropew ta' Sejħiet ta' Emerġenza (Numru "112")

Tħaddim tas-servizz uniku Ewropew ta' sejħiet ta' emerġenza.

3. (1) Il-korp pubbliku kompetenti għandu jiżgura li l-komunikazzjonijiet ta' emerġenza kollha lin-numru uniku Ewropew ta' emerġenza "112" jitwieġbu kif xieraq u jiġu ttrattati bl-aktar mod adatt għall-organizzazzjoni nazzjonali tas-sistemi ta' emerġenza. Dawn il-komunikazzjonijiet ta' emerġenza għandhom jitwieġbu u jiġu ttrattati kemm jista' jkun malajr u b'mod effettiv almenu daqs li kieku kienu komunikazzjonijiet ta' emerġenza lin-numru jew numri ta' emerġenza nazzjonali fejn dan in-numru jew dawn in-numri ikunu għadhom jintużaw.

(2) Fornitur li s-servizzi tiegħu jkunu jippermettu lill-utenti finali biex joriġinaw sejħiet għal numru fi pjan ta' numerazzjoni nazzjonali jew internazzjonali, inklużi utenti ta' telefons pubbliċi bi ħlas, għandu jipprovdi aċċess għas-servizzi ta' emerġenza permezz tal-PSAP l-aktar adatt. Dak l-aċċess għandu jiġi fornut permezz ta' komunikazzjonijiet ta' emerġenza mingħajr ħlas u mingħajr ma jkollu għalfejn juża xi mezz ta' ħlas, bl-użu tan-numru uniku Ewropew ta' emerġenza "112" u kull numru ta' emerġenza nazzjonali kif jista' jiġi speċifikat mill-Awtorità.

(3) Il-korp pubbliku kompetenti għandu jippromwovi l-aċċess għal servizzi ta' emerġenza permezz tan-numru uniku Ewropew ta' emerġenza "112" minn netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li mhumiex disponibbli pubblikament, imma li jippermettu sejħiet lil netwerks pubbliċi, b'mod partikolari meta l-impriża responsabbli għal dak in-netwerk ma tipprovdix aċċess alternattiv u faċli għal servizz ta' emerġenza.

Miżuri għal utenti finali b'diżabilità.

4. (1) Il-korp pubbliku kompetenti għandu jadotta miżuri biex jiżgura li l-aċċess għal utenti finali b'diżabilità għas-servizzi ta' emerġenza, jkun disponibbli permezz ta' komunikazzjonijiet ta' emerġenza u li dan ikun ekwivalenti għal dak li jitgawda minn utenti finali oħra, b'mod konformi mal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea li jarmonizzaw il-ħtiġiet ta' aċċessibilità għal prodotti u servizzi.

(2) Il-korp pubbliku kompetenti għandu jiżgura li l-utenti finali b'diżabilità, filwaqt li jkunu qegħdin jivvjaġġaw f'Malta, jkunu jistgħu jkollhom aċċess għal servizzi ta' emerġenza fuq bażi ekwivalenti ma' utenti finali oħra, fejn ikun fattibbli mingħajr ebda reġistrazzjoni li ssir minn qabel. Meta jkun qed jagħmel dan, il-korp pubbliku kompetenti għandu jara kif jiżgura li jkun hemm interoperabilità bejn Stati Membri li għandha tkun ibbażata, daqstant kemm jista' jkun possibbli, fuq standards jew speċifikazzjonijiet

Ewropej pubblikati b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 39 tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

(3) Il-korp pubbliku kompetenti qabel ma jieħu xi mizuri skont dan ir-regolament għandu l-ewwel jikkonsulta ma' l-Awtorità.

Informazzjoni dwar mnejn tkun ġejja sejħa.

5. (1) Fornitur għandu jiżgura li l-informazzjoni dwar il-post mnejn tkun qegħda ssir sejħa tkun disponibbli għall-aktar PSAP adatt mingħajr dewmien wara li tkun ġiet stabbilita l-komunikazzjoni ta' emerġenza. Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar il-post ibbażat fuq in-netwerk kif ukoll jekk disponibbli, informazzjoni dwar il-post mnejn tkun qegħda ssir is-sejħa b'handset.

(2) Fornitur għandu jiżgura li l-istabbiliment u t-trasmissjoni tal-informazzjoni dwar il-post mnejn tkun qegħda ssir is-sejħa jkunu mingħajr ħlas għall-utent finali u għall-PSAP, fir-rigward tal-komunikazzjonijiet ta' emerġenza kollha għan-numru uniku Ewropew ta' emerġenza "112" u għal kull numru nazzjonali ta' emerġenza kif jista' jiġi speċifikat mill-Awtorità:

Iżda li, l-Awtorità tista', wara konsultazzjoni mal-BEREC u ma' kull korp pubbliku kompetenti ieħor jekk ikun meħtieġ, tistabbilixxi l-kriterji għall-preċiżjoni u l-affidabbiltà tal-informazzjoni provduta dwar il-post mnejn qed issir is-sejħa.

Għoti ta' informazzjoni.

6. Il-korp pubbliku kompetenti għandu jiżgura li l-utenti finali jkunu mgħarrfa sew dwar l-eżistenza u l-użu tan-numru uniku Ewropew ta' emerġenza "112" kif ukoll il-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tiegħu, inkluż permezz ta' inizjattivi speċifikament indirizzati lejn persuni li jivvjaġġaw bejn l-Istati Membri u l-utenti finali b'diżabilità. Dik l-informazzjoni għandha tiġi provduta f'formati aċċessibbli, li jindirizzaw tipi ta' diżabilitajiet differenti.

Taqsima III
Is-Servizzi Armonizzati Ewropej b'Valur Soċjali (Medda ta' Numri "116")

Kondizzjonijiet relattivi għas-servizz.

7. (1) F'din it-Taqsima "servizz" tirreferi għal dawk is-servizzi armonizzati ta' valur soċjali billi jiġu utilizzati Kodiċijiet Qosra Ewropej Armonizzati (*Harmonised European Short Codes* jew "HESC") kif stabbiliti mill-Awtorità.

(2) Il-korp pubbliku kompetenti taħt din it-Taqsima għandu, mill-inqas, jiżgura li:

(a) is-servizz ikun jipprovdi informazzjoni, jew

għajnuna, jew mezz ta' rappurtar lill-utenti finali, jew kull tagħqid ta' dawn kollha;

(b) is-servizz ikun miftuħ għall-utenti finali kollha mingħajr ebda ħtieġa ta' reġistrazzjoni minn qabel;

(ċ) is-servizz ma jkollu ebda limitu ta' żmien;

(d) is-servizz ikun bla ebda ħlas; u

(e) dawn l-attivitajiet li ġejjin ikunu esklużi waqt sejħa:

(i) reklamar;

(ii) divertiment;

(iii) bejgħ u promozzjoni ta' bejgħ; u

(iv) l-użu tas-sejħa għall-bejgħ futur ta' servizzi kummerċjali.

(3) Il- korp pubbliku kompetenti għandu jiżgura li jalloka r-riżorsi meħtieġa biex iħaddem is-servizz. Meta jagħmel dan, il-korp pubbliku kompetenti għandu jieħu dawk il-miżuri li jkunu meħtieġa fiċ-ċirkostanzi.

Miżuri għal utenti finali b'diżabilità.

8. (1) Il-korp pubbliku kompetenti għandu jadotta miżuri li jkunu jiżguraw li s-servizz taħt din it-Taqsima jiġi provdut, daqstant kemm jista' jkun possibbli, lil utenti finali b'diżabilità.

(2) Il-miżuri li jiġu adottati biex jiffaċilitaw l-aċċess minn utenti finali b'diżabilità għal dak is-servizz waqt li jkunu qiegħdin jivvjaġġaw f'Malta, għandhom ikunu bbażati fuq konformità ma standards jew speċifikazzjonijiet rilevanti stabbiliti b'mod konformi mal-Artikolu 39 tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

Għoti ta' informazzjoni.

9. Il-korp pubbliku kompetenti għandu jiżgura li l-utenti finali jkunu mgħarrfa sew bl-eżistenza u l-użu tas-servizz provdut fil-medda ta' numri "116".

Taqsima IV
Sistema ta' twissija pubblika

Twissija pubblika fil-każ ta' emerġenzi kbar eċċ.

10. (1) Sal-21 ta' Ġunju 2022, il-fornituri tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet inter-personali mobbli bbażati fuq in-numri għandhom jiżguraw li meta jkunu fis-seħħ sistemi ta' twissija pubblika dwar emerġenzi u diżastri kbar li jkunu imminenti jew li qed

jiżviluppaw, jintbagħtu twissijiet pubbliċi lill-utenti finali kkonċernati.

(2) Il-korp pubbliku kompetenti responsabbli għas-sistema ta' twissija pubblika għandu jiddetermina l-ispejjeż li jġarrab fornitur fir-rigward tat-trasmissjoni ta' twissija pubblika permezz jew tas-servizz mobbli ta' komunikazzjonijiet inter-personali bbażat fuq in-numri tiegħu jew ta' kull xorta oħra tas-sistema ta' twissija pubblika ekwivalenti konformi mas-subregolament (3), liema spejjeż għandhom jitħallsu lura minnha lill-fornitur konċernat. Meta jagħmel dan il-korp pubbliku kompetenti konċernat għandu jaġixxi a bażi ta' kriterji trasparenti u mhux diskriminatorji u f'kull każ għandu jimmotiva id-deċiżjonijiet tiegħu. Dawn l-ispejjeż għandhom ikopru kull infrastruttura addizzjonali meħtieġa mill-fornitur oltre l-forniment tas-servizzi kummerċjali tiegħu u l-ispejjeż operattivi li jġarrab.

(3) Minkejja s-subregolament (1), il-korp pubbliku kompetenti jista' jistabbilixxi li t-twissijiet pubbliċi jiġu trasmessi permezz:

(a) ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament minbarra dawk imsemmija fis-subregolament (1) u minbarra servizzi ta' xandir; jew

(b) ta' applikazzjoni mobbli li tkun tiddependi fuq servizz ta' aċċess għall-internet:

Iżda li, l-effikaċja tas-sistema ta' twissija pubblika tkun ekwivalenti f'dik li hi kopertura u kapaċità li tilħaq l-utenti finali, inklużi dawk li huma biss temporanjament preżenti fiż-żona involuta, filwaqt li jitqiesu sew il-linji gwida tal-BEREC:

Iżda wkoll li, meta tiġi adottata xi miżura bħal dik f'konformità ma' dan is-subregolament il-korp pubbliku kompetenti għandu jikkonsulta ruħu mal-Awtorità, u fejn jkun meħtieġ ma' korpi pubbliċi oħra.

Taqsima V
Mixxellanji

Sottomissjoni tar-Rapport Annwali lill-Ministru.

11. Kull korp pubbliku kompetenti li jkun responsabbli taħt dawn ir-regolamenti għat-twettiq ta' xi funzjoni għandu, sal-aħħar ta' Settembru ta' kull sena, jippreżenta lill-Ministru responsabbli għal dak il-korp pubbliku kompetenti, rapport dwar l-attivitajiet tiegħu li jkun wettaq b'mod konformi ma' dawn ir-regolamenti, u dak ir-rapport għandu jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati:

Iżda li, l-Ministru involut jista' minn żmien għal żmien jitlob kull informazzjoni li jista' jqis li tkun meħtieġa mingħand dak il-korp pubbliku kompetenti msemmi qabel.

12. Kemm-il darba ma jiġix dikjarat mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tkun responsabbli biex tiżgura li l-forniturі jikkonformaw ruħhom mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, u għal dak l-għan tista' tieħu kull miżura regolatorja bħal dik b'mod konformi mas-setgħat li hija għandha bil-liġi. Infurzar.

13. Regolamenti dwar is-Servizz Uniku Ewropew ta' Telefonati ta' Emerġenza (numru '112') u s-Servizzi Armonizzati Ewropej b'Valur Soċjali (medda ta' numri '116'), huma b'dawn revokati, u dan mingħajr preġudizzju għall-validità ta' kull ma sar jew għad irid isir taħt dawk ir-regolamenti. Revoka. L.S. 399.43.

SKEDA
(Regolament 2)

Il-korpi pubbliċi elenkati hawn aktar 'l isfel għandhom ikunu responsabbli għal u, jew biex jeżerċitaw il-funzjonijiet elenkati f'din l-Iskeda

Ministeru Responsabbli	**Korp Pubbliku Kompetenti**	**Dispożizzjonijiet li l-Korp Pubbliku Kompetenti hu Responsabbli Għalihom**	**Kif Jissejjaħ is-Servizz**	**Numru**
Ministeru responsabbli għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi	Korp tal-Pulizija ta' Malta	Regolamenti 3 sa 6	Servizz uniku Ewropew ta' sejħiet ta' emerġenza	112
Ministeru responsabbli għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi	Korp tal-Pulizija ta' Malta	Regolamenti 7 sa 9 sakemm dawn ikollhom x'jaqsmu mal-hotline għal tfal nieqsa	Hotline għal tfal nieqsa	116000
Ministeru responsabbli għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali	Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali	Regolamenti 7 sa 9 sakemm dawn ikollhom x'jaqsmu mal-hotline u helpline għat-tfal	Hotline u helpline għat-tfal	116111

Ministeru responsabbli għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali	Aġenzija Appoġġ	Regolamenti 7 sa 9 sakemm dawn ikollhom x'jaqsmu mal-helpline għal sostenn emottiv	Helpline għal sostenn emottiv	116123
Ministeru responsabbli għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi	Ministeru tal-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l- Infurzar tal-Liġi	Regolament 10	Sistemi ta' twissija pubblika	ma japplikax